MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 921/1995/1

**Joseph Bowman ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` W. J. Parnis England Limited**

**v.**

**Joseph Scerri; u b'digriet tas-17 ta' Novembru 1997 gie imsejjah fil-kawza Brian Cilia; u b'digriet tal-20 ta' Ottubru 2005 inhatru l-Avukat Tonio Azzopardi u l-P.L Liliana Buhagiar sabiex jidhru ghall-werrieta ta' Joseph Scerri li miet waqt li miexja l-kawza.**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici fl-10 ta’ Lulju 1995 li taqra hekk:

“Peress illi l-konvenut kien impjegat mas-socjeta` W J Parnis England Trucking Limited bhala messaggier, liema socjeta` topera mill-istess indirizz tas-socjeta` attrici;

“Peress illi xoghol il-konvenut kien jikkonsisti, fost affarijiet ohra, milli jmur jiddepozita l-bank flus kontanti u cekkijiet mahrugin fuq isem il-kumpanija attrici;
“Peress illi minn investigazzjonijiet li saru s’issa mis-socjeta` attrici, irrizulta illi kien hemm diversi cekkijiet li gew imsarrfa frawdolentement mill-konvenut ghad-dannu tal-kumpanija attrici u flus kontanti ghas-somma ta’ sitt elef erba’ mija tnejn u tmenin Liri Maltin u seba’ u sebghin centezmu (Lm6,482.77) jew somma verjuri, peress illi l-istess investigazzjonijiet tal-kotba tas-socjeta` ghadhom mhux konkluzi;

“Peress illi meta il-konvenut gie investigat mill-pulizija ezekuttiva, huwa ammetta illi kien sarraf dawn ic-cekkijiet huwa stess, u l-pulizija bi hsiebha tiehu passi kriminali kontrih;

“Peress illi l-konvenut, interpellat sabiex ihallas, baqa’ inadempjenti;

“Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandiex;

“(1) tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt elef, erba’ mija u tnejn u tmenin Liri Maltin u seba’ u sebghin centezmu (Lm6,482.77), jew somma verjuri li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, rapprezentanti cekkijiet mahrugin lis-socjeta` attrici u msarrfa frawdolentement flimkien ma’ flus kontanti li kellu jiddepozita u minflok zammhom ghalih l-istess konvenut;

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru datat 3 ta’ Lulju 1995 u bl-imghax legali min-notifika ta’ dan l-att sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Scerri li in forza taghha eccepixxa illi;

"1. Illi m'huwiex minnu li l-eccipjent ammetta mal-Pulizija Ezekuttiva dak li qed jigi allegat fic-citazzjoni odjerna. Huwa minnu li jinsabu attwalment pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali proceduri penali istitwiti fil-konfront ta' l-eccipjent ghar-rigward ta' dak li qeghda tallega s-socjeta` attrici; u in vista ta' dan, sakemm ma jkunux gew konkjuzi b'mod definittiv l-imsemmija proceduri, l-eccipjent qed jirriserva li jaghti ulterjorment dawk l-eccezzjonijiet li jkunu ammissibbli skond il-ligi.

"2. Bir-riserva, kif fuq spjegat, ta' kull eccezzjoni ulterjuri."

Rat li b'digriet moghti fis-17 ta' Novembru 1997 gie imsejjah fil-kawza Brian Cilia;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Brian Cilia li in forza taghha eccepixxa illi;

"Illi preliminarjament ghandu jigi revokat *contrario imperio* d-digriet tal-kjamat fil-kawza tas-17 ta' Novembru 1997 u l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li l-permessi kollha tac-citazzjoni huma ta' natura personali fis-sens li huma diretti personalment kontra l-konvenut originali Joseph Scerri, u ghalhekk semmai messha saret kawza *ad hoc* u mhux jigi kjamat fil-kawza l-eccipjent iktar minn sentejn wara li bdiet il-kawza odjerna;

"Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur irid jindika x'inhuma l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tieghu fil-konfront tal-eccipjent li kontrih, kuntrarjament ghall-konvenut originali, ma hemm l-ebda proceduri kriminali, la qatt gie akkuzat b'xejn, u hlief xi jiem ilu, qatt ma kellu allegazzjoni da parti tal-attur li ikkommetta xi haga irregolari, tant li meta l-eccipjent spicca mill-impjieg, is-socjeta` attrici fahhritu ghax-xoghol tieghu;

“Illi fil-mertitu l-allegazzjonijiet u pretenzjonijiet kontenuti fit-talbiet tac-citazzjoni originali in kwantu issa gew diretti fil-konfront tal-eccipjent huma frivoli, vessatorji u bla bazi u jammontaw ghal ingurja u malafama gravi fil-konfront tieghu; huwa jirrizerva kull azzjoni li jista’ jkollu fil-konfront ta’ min qed jaghmel dawn l-allegazzjonijiet;

“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta’ Mejju 2007 li in forza taghha ddecidiet il-kawza hekk:

“……wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet kemm tal-konvenut u kemm ta’ l-imsejjaħ fil-kawża, tikkundanna lill-konvenut u lill-imsejjaħ fil-kawża, *in solidum* bejniethom, iħallsu lill-attriċi s-somma ta’ sitt elef, erba’ mija u tnejn u tmenin Lira u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm6,482.77), flus ta’ l-attriċi minnhom approprjati indebitament, u tikkundannahom ukoll *in solidum* iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża u l-imgħaxijiet kollha mitluba fiċ-ċitazzjoni.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Is-soċjetà attriċi hija soċjetà kummerċjali. Meta klijenti tas-soċjetà jmorru l-uffiċċju tagħha biex iħallsu, ġeneralment *b’cheque*, il-ħlas kien isir f’idejn skrivan, li kien ikun Brian Cilia, l-imsejjaħ fil-kawża. Iċ-*cheques* li jkunu daħlu matul il-jum ta’ xogħol jinġabru, flimkien ma’ flus kontanti li jkunu daħlu, jitniżżlu fuq *deposit slip* minn Brian Cilia stess u, jew l-għada jew aktar tard dakinhar stess, il-konvenut Joseph Scerri, li kien impjegat bħala messaġġier, kien jieħu ċ-*cheques* u l-flus biex jiddepożitahom il-bank.

“F’xi żmien is-soċjetà attriċi innotat illi kien hemm xi klijenti illi mill-kotba kien jidher illi ma kienux ħallsu. Meta investigat saret taf illi fil-fatt dawk il-klijenti kienu ħallsu b’*cheques* li, għalkemm ma kienux jidhru fuq id-*deposit slips*, fil-fatt kienu ġew imsarrfa fi flus kontanti minn Scerri.

"Naturalment, li kieku ċ-*cheques* li ssarrfu fi flus flok ġew depożitati l-bank kienu jidhru fuq id-*deposit slips*, id-diskrepanza kienet tidher mill-ewwel, iżda għal xi żmien inħbiet għax iċ-*cheques* li kienu jissarrfu fi flus ma kienux jitniżżlu fuq id-*deposit slips* li Cilia kien iħejji qabel ma Scerri kien imur bihom il-bank[1]. Din hija indikazzjoni ċara illi Cilia kien kompliċi ma' Scerri f'din il-biċċa, u kienu jiftiehmu minn qabel liema *cheques* kienu sejrin jiġu depożitati regolarment – u għalhekk Cilia seta' jniżżilhom fuq id-*deposit slips* – u liema kienu sejrin jissarrfu fi flus minn Scerri, u li għalhekk Cilia kien "jaħbihom" billi ma jniżżilhomx.

"Biex ikunu jistgħu jissarrfu ċ-*cheques* pagabbli lis-soċjetà kienu jkunu ittimbrati b'siġill tas-soċjetà u titqiegħed fuqhom firma falza ta' direttur. Meta *cheques* kienu jissarfu fi flus dan kien isir dejjem b'qerq billi s-soċjetà qatt ma kienet issarraf *cheques* fi flus: kienet dejjem tiddepożitahom fil-kont bankarju tagħha u, meta tkun teħtieġ flus kontanti, kienet tiġbed mill-kont[2].

"Dan kollu joħroġ mhux biss mix-xhieda tas-soċjetà attriċi iżda wkoll mill-istqarrija maħlufa tal-konvenut Joseph Scerri, li mhux biss stqarr il-ħtija tiegħu iżda wkoll illi dak li għamel għamlu b'kompliċità ma' Cilia[3].

"Tassew illi Cilia qiegħed jikkontesta dan kollu; madankollu, kontra Cilia hemm mhux biss ix-xhieda ta' Scerri iżda wkoll ix-xiehda taċ-ċirkostanzi, għax, kif seħħet il-biċċa, bilfors illi Scerri kien qiegħed jaħdem ma' min xogħlu kien li jħejji d-*deposit slips*, li kien Cilia.

"Cilia qal ukoll illi mhux hu biss kien jaqdi lill-klijenti u jieħu l-ħlas mingħandhom, u għalhekk jista' jkun illi ċ-*cheques* imsarrfa b'qerq kienu *cheques* illi ma għaddewx minn idejh iżda minn idejn ħaddieħor. Dan hu minnu, iżda l-biċċa l-kbira tal-ħlasijiet kienu jsiru f'idejn Cilia; kien biss

---

[1] Ara x-xiehda ta' Joseph Bowman fis-seduta tat-3 ta' Diċembru 1998, *fol.* 70.

[2] Ara x-xiehda ta' Joseph Bowman fis-seduta tat-3 ta' Diċembru 1998, *fol.* 63.

[3] Ara l-*affidavit* ta' Joseph Scerri maħluf fid-19 ta' Frar 1999, *foll.* 85 *et seq.*; ara wkoll ix-xiehda ta' Joseph Scerri fis-seduta ta' l-24 ta' Ġunju 1999, *foll.* 207 *et seqq.*

eċċezzjonalment illi kien igħinu ħaddieħor. In-numru ta' *cheques* imsarrfa b'dan il-mod – għoxrin – juri illi jew ħaddieħor dawwar għalih iċ-*cheques* kollha li għaddew minn idejh – ħaġa li diffiċilment kienet issir bla ma jintebaħ Cilia stess, ladarba f'kull każ, iċ-*cheques* kollha, ukoll dawk li jkun irċeva ħaddieħor, kellhom jingħataw lil Cilia biex iniżżilhom fuq id-*deposit slips*, u Cilia kien jintebaħ li hemm xi ħaġa mhix f'postha jekk xi ħadd li għenu jirċievi l-ħlasijiet ma jgħaddilux iċ-*cheques* – jew inkella kien Cilia stess li, għax il-biċċa l-kbira tal-ħlasijiet kienu jgħaddu minn idejh u għax kien hu li kien iżomm *record* tal-ħlasijiet, kellu opportunità jagħżel uħud miċ-*cheques*, mhux kollha, biex it-tbagħbis ma jidhirx, u seta' wkoll jaħbihom billi ma jniżżilhomx fuq id-*deposit slips*.

"Barra minn hekk, Cilia xehed ukoll illi fil-ġranet meta ssarrfu dawn iċ-*cheques* hu kien ikun xogħol – ma kinux fi ġranet meta hu kien *on leave*[4] – u għalhekk kien ikun jaf jekk ħaddieħor irċeviex xi ħlas, u li kellu jistenna li ċ-*cheque* jasal għandu.

"Ukoll, ma huwiex kontestat illi wħud miċ-*cheques* li ssarrfu kien irċevihom Cilia[5], u għalhekk ma jistax igħid illi rċevihom ħaddieħor, illi min irċevihom ma tahomlux, u illi hu b'xi mod ma ntebaħx.

"Il-Qorti għalhekk temmen illi tassew kien Cilia li, b'kompliċità ma' Scerri, qarraq bl-attriċi: illi Cilia kien jagħżel iċ-*cheques* – minn dawk li jkun irċieva hu stess jew mill-ftit li jkun irċieva ħaddieħor li jgħaddihom lilu – biex flok jiġu depożitati jissarrfu minn Scerri; illi jew Cilia jew Scerri kien jittimbrahom u jagħmel firma falza fuqhom; illi dawn iċ-*cheques* Cilia ma jniżżilhomx fuq id-*deposit slips*; u illi mbagħad meta Scerri jmur il-bank kien isarraf dawk iċ-*cheques* u jiddepożita l-bqija, u l-flus jaqsmuhom bejniethom.

"Lanqas ma hija tajba l-eċċezzjoni ta' Cilia illi l-premessi taċ-ċitazzjoni ma jolqtux lilu. Naturalment, ladarba ma

---

4 *Ara x-xhieda ta' Brian Cilia fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2001, fol. 403.*

5 *Ara x-xhieda ta' Brian Cilia fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2001, fol. 410.*

kienx parti fil-kawża mill-bidu iżda ssejjaħ wara, Cilia ma ssemmiex fiċ-ċitazzjoni, iżda, ladarba kien kompliċi ma' Scerri, dak li sar bi ksur tal-liġi iwieġbu għalih it-tnejn.

"Dwar *quantum* ma hemmx kontestazzjoni, u jirriżulta wkoll mid-dokumenti esebiti fil-proċess."

Rat ir-rikors tal-appell tal-kjamat fil-kawza Brian Cilia li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi talab, li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat ir-risposta ta' Joseph Bowman nomine li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti tichad l-appell ta' Brian Cilia, bl-ispejjez kontra tieghu;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati mahtura sabiex jidhru ghall-werrieta ta' Joseph Scerri li miet waqt li miexja l-kawza li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom esposti, irrimettew ruhhom ghall-gudizzju ta' din il-Qorti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-2 ta' Gunju 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjeta` attrici tallega li l-konvenut u l-kjamat fil-kawza kienu jiftiehmu biex idawru ghall-gwadan personali taghhom certu ammont ta' hlasijiet li kienu jsiru lis-socjeta` attrici u li taghha huma kienu impjegati. Li kien jigri kien li ammont ta' *cheques* ma kienux jigu registrati fid-*deposit slip* li kien ihejji Brian Cilia, u meta Joseph Scerri kien imur il-bank u jaghmel id-depozitu tac-*cheques* registrati minn Brian Cilia kien issarraf fi flus kontanti c-*cheques* mhux registrati, u japproprijaw ruhhom minn dawk il-flus.

L-ewwel Qorti, li semghet *viva voce* hafna mill-provi hi stess, ikkonkludiet li kemm Scerri kif ukoll Cilia kienu involuti f'dan il-qerq, wara li sabet li kien difficli li wiehed

jopera minghajr l-assistenza tal-iehor; hi kkundannathom it-tnejn in solidum irroddu lura lis-socjeta` attrici l-flus hekk indebitament mizmuma.

Il-konvenut Scerri, jew ahjar ir-rapprezentanti tal-werrieta tieghu, ma appellawx mis-sentenza li allura ghaddiet in gudikat fil-konfront taghhom. Appella mis-sentenza l-kjamat fil-kawza Brian Cilia li bazikament qed jattakka l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti biex isostni t-tesi tieghu li hu ma kienx involut fil-materja.

Trattati l-aggravji tal-appellant, din il-Qorti tibda biex tinnota li, trattandosi tal-fatt li din il-kawza tiddependi hafna fuq apprezzament tax-xhieda, u fid-dawl tac-cirkostanza li l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` tisma' hi hafna mix-xhieda jiddeponu u tqis il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda, din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, ghandha zzomm lura milli tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, sa kemm ir-rizultat ta' dak l-ezercizzju maghmul mill-ewwel Qorti ma jkunx wiehed hazin, ingust jew li ma setax jintlahaq a bazi tal-provi prodotti. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi prodotti, tqis li ghandha taqbel mal-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti. Fil-fatt, il-konvenut Joseph Scerri ammetta l-involviment tieghu u spjega car u b'certu dettal kif kienet tinhaddem il-bicca. Hu jghid li l-idea kienet ta' Brian Cilia, u accetta li jkun partecipi fil-qerq prattikat peress li f'dik l-epoka kien ghaddej minn perjodu li kellu bzonn aktar flus. Dan il-konvenut implika direttament lill-Brian Cilia bhala l-mohh wara l-operazzjoni, u bhala l-persuna principali li minghajr l-adezjoni taghha ma seta' jsir xejn. Dan Brian Cilia jichad l-involviment tieghu, u jargumenta li m'ghandux jinstab responsabbli fuq stqarrija tal-allegat komplici biss. Apparti l-fatt li fil-kamp civili, ix-xhieda ta' persuna wahda, jekk emnuta, hi bizzejjed biex tinstab responsabbilta` - u f'dan il-kaz l-ewwel Qorti kellha okkazzjoni hi stess tiehu l-kontro-ezami ta' dan il-konvenut – f'dan il-kaz, hemm cirkostanzi ohra li jindikaw l-involviment ta' Brian Cilia. Il-hlassijiet li kienu jsiru lis-socjeta` attrici kienu jsiru bi flus kontanti u aktar, b'*cheque*, u ghalkemm il-hlasijiet mhux necessarjament kienu jsiru direttament lil Brian Cilia,

peress li kien hemm persuni ohra li gieli kienu jkunu mal-*cash* biex jircievu hlasijiet tal-klienti tas-socjeta` attrici, fl-ahhar tal-gurnata l-hlassijiet kienu jghaddu kollha ghal ghand Brian Cilia li kellu l-inkarigu li jimla d-*deposit slip* u jghaddi il-karti u l-flus lil Joseph Scerri, li kien inkarigat jiddeposita l-flus fil-bank. Fi kliem iehor il-flus kienu jghaddu kollha minn taht idejn Brian Cilia, kien jahdem l-*invoices* u jghaddi lill-Joseph Scerri l-flus li jkunu jridu jigu depozitati fil-bank, u kwindi l-operazzjoni ma setghetx issir minghajr l-involviment tieghu.
Ic-*cheques*, hu veru, gew imsarfa fizikament minn Joseph Scerri, u qatt minn Brian Cilia, izda dan tal-ahhar kien jimla d-*deposit slip* u jindika bi preciz x'kellu jigi ddepozitat. Dan Cilia jargumenta li ma jistax jigi eskluz li xi hadd mill-persuni l-ohra li gieli kienu jircievu hlasijiet, kien izomm xi *cheques* u ma jghaddihx fl-ahhar tal-gurnata; u ghalhekk, la ma kienx jaf bihom, ma setax inizilhom fid-*deposit slip*. Din il-Qorti tinnota, pero`, li l-maggor parti tal-hlasijiet kienu jsiru lilu, u whud mic-*cheques* li ssarfu fi flus kontanti <u>kien ircevihom dan Brian Cilia</u> stess, u dan ma tax spjegazzjoni konvincenti kif *cheques* li rcvieva huwa stess ma gewx registrati fil-kotba tal-kumpanija u ssarfu f'*cash*, aktar u aktar meta s-socjeta` attrici kienet trid li kollox jigi depozitat fil-kont taghha u qatt ma jissarfu *cheques* f'*cash*. Jista' jkun li xi terza persuna kienet involuta hi wkoll f'din l-operazzjoni, pero`, ma gietx implikata direttament u la mhux parti fil-kawza, din il-Qorti ma tistax tqis ir-responsabbilta` *o meno* taghha. Kif inhu risaput, id-difiza tat-terzo ignoto (jigifieri, ta' persuna mhux parti fil-kawza) ma hi difiza xejn ghaliex il-kawza hija bejn il-kontendenti, u l-ebda parti mit-tort ma tista' tigi addebita lil xi hadd li ma hux fil-kawza. Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza **Camilleri v. Spiteri**, deciza fid-9 ta' Dicembru 1968, la darba jigi ppruvat l-involviment tal-konvenut f'incident anke in parti, l-atturi "ghandhom dritt jikkonsegwew d-danni kollha minghand il-konvenut, salv talvolta lil dan id-dritt li jindennizza ruhu jekk jista' minghand it-terz ghall-parti tieghu ghall-htija."

Lanqas ma jirrizulta li Joseph Scerri seta' agixxa wahdu, ghax hu ma kienx jircievi hlas u c-*cheques* kien jaghtihomlu dejjem Brian Cilia, u ghalkemm seta' kien fi

ftehim mal-persuna l-ohra, mhux biss kien Brian Cilia li kellu kontroll tal-hlasijiet kollha, izda kif intwera, uhud mic-*cheques* li ssarfu kien irceviehom Brian Cilia direttament u ghalhekk l-involviment tieghu ma jistax jigi negat. Kif osservat ukoll l-ewwel Qorti, kull meta ssarfu *cheques*, Brian Cilia kien dejjem xoghol u qatt ma kien *on leave*, u ghalhekk kien jaf x'kien qed isir. Dan Brian Cilia accetta li hemm *cheques* li rcieva hu, iffirma fuqhom hu, izda ma rregistrahomx fil-kotba tal-kumpanija. Hu jipprova jwahhal f'xi hadd iehor, pero` din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti qabilha, hi perswaza mill-involviment tieghu, anke meta tqis il-hbiberija li kellu mal-familja Scerri u l-oggetti u l-flus li kien johdilhom id-dar.

Kollox ma' kollox, din il-Qorti ma tarax li l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti kien wiehed zbaljat u mhux sorrett mic-cirkostanzi tal-kaz, u ma tarax, kwindi, li ghandha tiddisturba l-ezercizzju li ghamlet dik il-Qorti.

Ghar-rigward l-aggravji dwar il-*quantum* tad-danni u l-imghax, din il-Qorti tirrileva li tul is-smiegh tal-provi quddiem l-ewwel Qorti, l-appellant ma kkontestax is-somma pretiza, u s-socjeta` attrici kkonfermat l-ammont anke bl-esebizzjoni tad-dokumenti in materja. Dwar l-imghax, is-socjeta` attrici talbet hlas bl-imghax min-notifika tal-att (li fil-konfront tal-appellant saret fil-15 ta' Dicembru 1997) u, skond il-ligi, trattandosi ta' debitu mhux kummercjali, l-imghax jibda jiddekorri minn meta ssir sejha ghall-hlas b'att guddizzjarju (Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili), u f'dan il-kaz is-socjeta` attrici talbet somma determinata li giet akkolta mill-ewwel Qorti. Kwindi, anke dawn l-aggravji qed jigu respinti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-kjamat fil-kawza Brian Cilia billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------